

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' Marzu 2012

dwar l-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn tar-Repubblika Ellenika

(BĊE/2012/3)

(2012/153/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikoli 3.1 u 12.1, l-Artikolu 18 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida BĊE/2011/14 tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari it-Taqsimit 1.6, 6.3.1 u 6.3.2 ta' Anness I tagħha,

Billi:

- (1) Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali prevalenti fis-swieg finanzjarji u d-diżordni fil-valutazzjoni normali mis-suq tat-titoli maħruġin jew iggarantiti mir-Repubblika Ellenika, il-Kunsill Governattiv adotta d-Deċiżjoni BĊE/2010/3 tas-6 ta' Mejju 2010 dwar miżuri temporanji marbutin mal-eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn għas-suq maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg<sup>(2)</sup> Din id-Deċiżjoni ssospendiet b'mod temporanju r-rekwiżiti minimi tal-Eurosistema għal-limiti tal-kwalità tal-kreditu, kif speċifikati fir-regoli tal-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema għal ċerti assi negozjabbli f'Taqsima 6.3.2 ta' Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14. Id-Deċiżjoni BĊE/2012/2<sup>(3)</sup> ħassret id-Deċiżjoni BĊE/2010/3 minħabba l-impatt negattiv fuq il-valutazzjonijiet tal-kreditu assenjata lil strumenti ta' dejn bħal dawn mat-tneġġija tal-offerta għall-iskambju tad-dejn fil-kuntest tal-involvement tas-settur privat għal detenturi ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mill-Gvern Grieg.
- (2) Fil-21 ta' Lulju 2011, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ħabbru miżuri biex jistabilizzaw il-finanzi pubbliċi Griegi, li kienu jinkludu l-impenn tagħhom li jtejbju l-kollateral biex tissaħħaħ il-kwalità ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti mir-Repubblika Ellenika.

Il-Kunsill Governattiv iddeċieda illi dan it-tisħiħ tal-kollateral għandu jsir mir-Repubblika Ellenika għall-benefiċċju tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi),

- (3) Il-Kunsill Governattiv iddeċieda illi l-limitu tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema għandu jiġi sospiż fir-rigward ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika li huma koperti mit-tisħiħ tal-kollateral,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

**Eliġibbiltà ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika fil-kuntest tal-offerta għall-iskambju ta' dejn tar-Repubblika Ellenika**

1. L-użu, bħala kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, ta' strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin jew iggarantiti bis-sħiħ mir-Repubblika Ellenika li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi tal-Eurosistema għal-limiti tal-kwalità tal-kreditu, kif speċifikati fir-regoli tal-qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema għal ċerti assi negozjabbli f'Taqsima 6.3.2 ta' Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14 filwaqt illi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà l-oħrajn speċifikati f'Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2011/14, għandhom ikunu kundizzjonali fuq il-provvista mir-Repubblika Ellenika lil BĊNi ta' tisħiħ tal-kollateral f'forma ta' skema ta' riakkwist.

2. L-istrumenti ta' dejn negozjabbli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu eliġibbli għad-dewmien tat-tisħiħ tal-kollateral.

Artikolu 2

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Marzu 2012.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' Marzu 2012.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

<sup>(1)</sup> ĠU L 331, 14.12.2011, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 117, 11.5.2010, p. 102.

<sup>(3)</sup> ĠU L 59, 1.3.2012, p. 36.